**2 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt, LL.D.**

Assunta Vella

*versus*

Philip Vella et.

**Interdizzjoni — Kuratur — Nomina u Rimozzjoni — Art. 205 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 521 tal-Proċedura Ċivili.**

*Ċertament hu veru — u tgħidu l-liġi — illi tant fil-ħatra kemm fir-ritenzjoni ta' kuratur ta' nterdett, il-konsiderazzjoni prinċipali hi dik tal-interess tal-istess interdett; iżda dan ma jfisserx illi, konsistentement ma' dak l-interess, ma għandhomx, sakemm jista' jkun, jiġu mħarsin u rispettati anki l-interessi u s-sentimenti tal-mara u tal-familja tal-interdett. Speċjalment tal-mara, li l-beni tagħha wkoll, għal dik li hi amministrazzjoni, jaqgħu, minħabba r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti, fl-amministrazzjoni tal-kuratur ta' żewġha.*

*Jekk, salvagwardat l-interess tal-interdett, jistgħu fl-istess ħin jiġu konċiljati s-sentimenti tal-mara u tal-familja tal-interdett, b'mod li tiġi assigurata armonija aħjar u ko-operazzjoni bejn dawn u l-kuratur, dan għandu jsir.*

*Jekk il-permanenza tal-kuratur ġa nominat ma tirrispondix għal dawn l-eżiġenzi, hemm lok għar-rimozzjoni tiegħu minn dik il-kariga, sabiex jiġi nominat ieħor minfloku li jkun ben vist għall-mara u l-familja tal-interdett.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, preżentat fil-25 ta' Mejju 1960, li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet li b'digriet tas-Sekond' Awla tat-22 ta' Lulju 1958 l-imsemmi Philip Vella ġie nominat kuratur tal-imsemmi Carmelo Vella, u konfermat b'digriet tal-istess Qorti tal-ewwel ta' Diċembru 1958 u li wara r-rikors 24/1960 tal-imsemmija Assunta Vella quddiem l-istess Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja, biex jiġi rimoss l-imsemmi Philip Vella minn kuratur tal-imsemmi żewġha, peress illi kien qiegħed jonqos mid-doveri tiegħu, bħala kuratur, lejha, u kien qed jabbuża mill-istess poteri tiegħu ta' kuratur, l-imsemmija Qorti, peress li "prima facie" dehrilha li seta' kien hemm kawża ġusta għat-talba tal-attriċi, permezz tad-digriet tat-23 ta' Marzu, li kopja tiegħu tinsab eżibita fil-kawża "Assunta Vella vs. Philip Vella" ċeduta fl-4 ta' Mejju 1960, issospendiet lill-imsemmi Philip Vella mill-kariga tiegħu u tgħat terminu lill-attriċi ta' ħmistax il-ġurnata sabiex tistitwixxi l-kawża għat-tneħħija tiegħu fil-kontenzjus, u fl-istess ħin ħatret bħala kuratur temporanju lil Dottor Francesco Masini; liema terminu ġie estiż għal tmien tijiem oħra b'digriet tad-19 ta' Mejju 1960 tal-istess Qorti; talbet illi wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut Philip Vella jiġi kundannat li jiġi rimoss definittivament mill-kariga tiegħu ta' kuratur tal-imsemmi Carmelo Vella għar-raġunijiet fuq esposti u raġunijiet oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-imsemmi rikors numru 24/1960;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Novembru 1960, li biha ċaħdet it-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Bl-azzjoni preżenti l-attriċi qegħdha titlob ir-rimozzjoni tal-konvenut Philip Vella minn kuratur ta' żewġha, l-interdett Carmelo Vella;

Kien fuq rikors ta' dan il-konvenut sabiex Carmelo Vella jiġi nterdett u provvdut b'kuratur, li din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja b'digriet tat-22 ta' Lulju 1958, aderiet għat-talba tal-interdizzjoni u ħatret lill-istess konvenut bħala kuratur provviżorju ta' ħuħ, u in segwitu, inattiża r-rikjesta da parti tal-attriċi sabiex tiġi nominata hi kuratriċi ta' żewġha, b'digriet ieħor tal-ewwel ta' Diċembru 1958, ikkonfermat l-istess konvenut bħala kuratur definittiv ta' ħuħ;

Fil-kors tas-smiegħ ta' dan ir-rikors irriżulta, fost affarijiet oħra, li l-interdett Carmelo Vella kien ilu rikoverat fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ madwar għaxar snin; li matul dan il-perijodu, u sa fejn seta' jgħid is-suprintendent ta' dak l-Isptar, martu l-attriċi qatt ma marret iżżuru; li din l-attriċi, fir-raħal tagħha, hija miżmuma bħala prostituta; u li almenu f'okkażjoni waħda ppruvat tipprostitwixxi lill-istess bintha. L-attriċi, li ppruvat tismentixxi ċ-ċirkustanza li ma kienetx tmur iżżur lill-żewġha, ma kellha xejn xi tgħid dwar l-aħħar imsemmija żewġ addebiti li sarulha. Kien ċertament in vista ta' dawn iċ-ċirkustanzi li fid-digriet finali ġie dikjarat espressament li, meħudin in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha, kien "jidher li hu fl-aħjar vantaġġ tal-interdett li bħala kuratur tiegħu jiġi maħtur ħuh, ir-rikorrenti Filippo Vella" (ara atti tar-rikors numru 39/1958);

L-interessi tal-interdett, meħudin bħala kriterju determinanti fix-xelta tal-kuratur tiegħu, għandhom b'liġi espressa, jiġu mħarsa f'kull każ, u fuq kollox meta tkun qegħdha tiġi aġitata l-kwistjoni tar-rimozzjoni ta' dan il-kuratur;

L-art. 205 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23), magħmul applikabbli għal kuraturi ta' nterdett in virtù tal-art. 521 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15), jiddisponi:— "(1) The Court may suspend or remove any tutor or curator from his office for any of the grounds mentioned in paragraphs (c), (d), (e), (f) and (g) of section 198, or for failure to render an account in due time, or for unfaithfulness in the account rendered, or for any other just cause; saving the provisions of section 36 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 15); (2) In all cases the Court shall chiefly consider the interest of the minor";

L-attriċi mhix tibbaża l-istanza tagħha fuq xi waħda mir-raġunijiet li l-liġi espressament tirrikonoxxi bħala valevoli għas-sospensjoni jew rimozzjoni ta' kuratur ta' interdett. Il-motivi minnha adotti, għalhekk, jistgħu "se mai" jaqgħu fl-espressjoni ġenerika "any other just cause". Jidher ċar, però, mill-eżempji li tagħti l-liġi ta' x'tista tkun kawża ġusta ta' sospensjoni jew rimozzjoni ta' kuratur, li dawn il-kawżi jridu jkunu jirrivestu l-karattru ta' ċerta gravità, u li f'kull każ għandu jiġi prinċipalment kunsidrat l-interess tal-interdett;

Issa, mill-eżami tal-provi li tressqu quddiem din il-Qorti, jew li għalihom saret riferenza, inattiż naturalment il-mod kif ċerti ċirkustanzi ġew ingranditi u oħrajn suppliti fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attriċi, ma jidherx li ġie pruvat xi nuqqas suffiċjentement gravi tal-konvenut Philip Vella li jiġġustifika t-talba għar-rimozzjoni tiegħu minn kuratur;

Fir-rikors preżentat quddiem din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha fil-5 ta' Marzu 1960, li permezz tiegħu ppruvat tirraġġunġi l-iskop prefiss fl-istanza odjerna, l-attriċi lmentat li l-imsemmi konvenut, flok jieħu ħsiebha u jipproteġiha kif inhu d-dover tiegħu bħala kuratur ta' żewġha, qiegħed jivvessaha u jipprova jinfluwenza lill-binha kontra tagħha (ara atti tar-rikors numru 24/1960). Dan id-diportament ħażin hu magħmul jikkonsisti: (a) Fil-fatt li l-konvenut Vella, fil-kwalità ta' kuratur ta' żewġha, irnexxielu jieħu lura ġudizzjarjament minn idejn terza persuna fond li kien ġie mogħti b'kiri illegalment mill-

istess attriċi (ara kawża fl-ismijiet "Philip Vella nomine vs. Manwel Vella", deċiża minn din il-Qorti fil-Kompetenza Inferjuri bħala Qorti tal-Prima Istanza fil-15 ta' Frar 1960); (b) fil-fatt li l-istess konvenut qatt ma għaddielha manteniment — manteniment li hija tammetti li qatt ma talbitu (ara xhieda tal-attriċi in kontro-eżami a fol. 7 tal-proċess), u li, komunkwe, ma tantx jidher li kien hemm minn fejn jissomministrahulha (ara xhieda tal-istess attriċi mogħtija fil-preċitati atti tar-rikors numru 39/1958);

Kunsidrata t-tenwità ta' dawn l-imputazzjonijiet, illum ripetuti bl-aġġunta ta' xi addebiti oħra li jissemmew iżjed il-quddiem, huwa sintomatiku li l-attriċi ma għażletx li tixhed fl-atti tal-imsemmi rikors numru 24/1960; u fix-xhieda li tgħat fil-kawża preżenti, għalkemm ripetutament rikjesta mill-Qorti biex tagħti almenu raġuni waħda in ġustifikazzjoni tad-domandi tagħha, ma għarfetx tirrispondi ħlief li hija ma riedetx lill-konvenut Philip Vella jkompli fil-kurazija għax ma kelliex pjaċir bih;

Iċ-ċirkustanzi l-oħra li ssemmew mix-xhieda prodotti mill-attriċi fl-istess rikors numru 24/1960, barra minn ċirkustanza waħda, ma jrrigwardawx lill-konvenut Philip Vella; u ntant huma nċidenti iżolati li, għalkemm kommessi minn membri tal-familja tiegħu, bl-ebda mod ma jista' jingħad li saru bil-konnivenza tiegħu. L-unika ċirkustanza a karigu ta' dan il-konvenut ġiet deposta minn Salvatore Spiteri, li qal li f'okkażjoni waħda dan il-konvenut daħal fiddar tal-attriċi, beda jgħajjat magħha kemm jiflaħ, qabad lill-binha li kien għadu kemm ħareġ mill-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, u ħadu l-barra (ara atti tar-rikors fuq imsemmi). Dan l-inċident, li l-konvenut Vella jinnega, mhux biss ma jissemmiex mill-istess attriċi, imma talli lanqas ġie ripetut mix-xhud predett fil-kors tal-kawża preżenti. F'din il-kawża, anzi, Salvatore Spiteri għalaq ix-xhieda tiegħu bil-kliem:— "Fuq Philip Vella jiena ma nista' ngħid xejn";

Fil-kawża preżenti, mbgħad, l-attriċi addużiet motivi oħra in sostenn tat-talba tagħha. Hija tallega illi, minn mindu l-konvenut sar kuratur, il-kawżi u l-pendenzi fil-Qorti ma naqsux, bil-konsegwenza li qegħdin jintefqu ħafna flus li jirbaħ min jirbaħ, iridu jitħallsu mill-istess

fondi (ara nota tal-osservazzjonijiet tal-attriċi). Fil-fatt, sa fejn ġie a konjizzjoni ta' din il-Qorti, l-unika kawża li ppropona bħala kuratur ta' ħuh il-konvenut Philip Vella kienet dik biex jieħu lura minn idejn Manwel Vella l-fond li kienet krietlu, mingħajr ma kellha dritt tagħmel hekk, l-attriċi — kawża li ġiet deċiża favur dan il-konvenut Vella tant fl-ewwel kemm fit-tieni istanza, u li ma kkaġunat ebda spiża lill-kurazija, billi l-ispejjeż kollha tal-kawża ġew akkollati lil Manwel Vella. In segwitu għal din il-kawża, ġiet proposta kawża oħra f'isem l-interdett, din id-darba kontra l-attriċi Assunta Vella; iżda din il-kawża ma ġietx intavolata mill-konvenut Philip Vella, iżda mill-Avukat Dottor Francesco Masini bħala kuratur provviżorju tal-interdett. S'issa, f'din il-kawża, li għadha pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta, l-uniċi spejjeż li saru huma relattivi għal żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-attriċi Assunta Vella, li ġew respinti bl-ispejjeż kontra tagħha (ara atti tal-kawża "Avukat Francesco Masini ne. vs. Assunta Vella" — ċitaz. Nru. 63/1960). L-ispejjeż l-oħra kollha li minnhom qegħdha tilmenta l-attriċi saru u qegħdin isiru fuq inizjattiva tagħha stess, kif jixhdu d-diversi proċeduri li ttieħdu minnha quddiem din il-Qorti fil-Kompetenza Volontarja Tagħha u l-istess istanza tal-lum;

L-attriċi tallega wkoll li l-konvenut Vella, li fost inkombenzi oħra għandu wkoll dik li jamministra l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u żewġha l-interdett, naqas milli jieħu ħsieb l-interessi ta' din il-komunjoni, billi ttralaxxja l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa biex isir jaf f'hix kienu jikkonsistu l-beni tal-istess komunjoni, okkorrendo per mezz ta' riċerki fir-Reġistru Publiku, (ara nota tal-osservazzjonijiet tal-attriċi). Skond l-attriċi, infatti, il-konvenut Vella, fl-inventarju publikat minn Nutar Giuseppe Grech fit-3 ta' Ottubru 1958, li kopja tiegħu tinsab eżibita a fol. 17 u 18 tal-proċess, naqas milli jinkludi xi fondi dotali u biċtejn raba', tal-valur komplessiv ta' £16.15.0, li l-interdett kien akkwista b'xiri minn għand missieru u oħtu Ursola rispettivament;

Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-ommissjonijiet, anki jekk realment tali mhumiex ta' gravità tali li minħabba fihom

għandha tittieħed il-miżura estrema tar-rimozzjoni tal-konvenut Vella mill-kariga tiegħu. Infatti:—

(a) Fl-okkażjoni tal-formazzjoni tal-inventarju in kwistjoni, il-konvenut Philip Vella kien qabbad avukat u għaddielu l-informazzjonijiet li huwa kien ottjena minn għand ħuh (ara xhieda tal-konvenut Vella a fol. 14 tal-proċess). In-neċessità o meno li jsiru riċerki ma kienetx ħaġa li jieħu deċiżjoni fuqha dan il-konvenut, darba li, kif sewwa għamel, dan il-konvenut ħass in-neċessità li jqabbad avukat;

(b) Il-konvenut Vella ma kellux raġun jaħseb li, oltre l-beni li semmielu l-interdett, kien hemm, jew seta' kien hemm, xi beni oħra. L-istess attriċi, infatti, li xehdet fil-proċeduri tan-nomina tal-kuratur ta' żewġha, ma semmietx ħlief il-fond fejn tabita (indikat fl-inventarju) u sitt ti tmiem raba' (anqas milli hemm indikati fl-inventarju);

Del resto, anki l-lum għad hemm dubju jekk l-ommissjonijiet lamentati mill-attriċi jirrikorrux realment. Finnota tal-osservazzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jipprospettaw l-ipotesi li l-fondi dotali predetti kienu f'idejn missier l-attriċi in enfitewsi temporanea, u li ċ-ċens relattiv kien skada żmien qabel — ipotesi xejn inverosimili, dato li l-istess attriċi ma kienetx taf bihom meta xehdet fil-proċeduri relattivi għan-nomina tal-kuratur ta' żewġha; u jsostnu li l-fondi l-oħra pretiżi ommessi huma dawk stess li ġew inventarjati; kif x'aktarx hu, konsiderando l-ubikazzjoni u l-kapaċità ta' dawn il-fondi, kif ukoll il-fatt li l-attriċi, bħala mart l-interdett u amministratriċi ta' ħwejġu għal perijodu ta' madwar għaxar snin, ċjoè mindu ġie rikoverat fl-Isptar Mentali sa ma ġie nterdett, ma wrietx li taf bihom. Għarrigward tal-beni dotali in partikulari, mbgħad, għandu jingħad li, supponendo dejjem li dawk il-beni kienu jeżistu, il-konvenut Philip Vella ma kienx strettament tenut jinventarjahom, billi, konformement għal dak li hemm maħsub fl-art. 202 tal-Kap. 23, magħmul applikabbli għall-kuraturi ta' nterdetti bil-preċitat dispost tal-art. 521 (2) tal-Kap. 15, bid-digriet ta' din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħ-

ha tat-22 ta' Lulju 1958 (atti tar-rikors numru 39/1958) kien ġie ordnat lilu li jipproċedi merament għall-formazzjoni tal-inventarju ta' kull ma jippossjedi l-interdett — dak preċiżament, li l-konvenut Vella ddikjara li qiegħed jagħmel fl-att tal-inventarju (ara dokument B a fol. 17 u 18 tal-proċess);

Fl-aħħarnett, l-attriċi tirrileva li fl-eżekuzzjoni taddoveri tiegħu ta' kuratur il-konvenut Philip Vella ħa diversi ġuramenti li ma jikkorrispondux mal-verità. Dan ir-riljev tal-attriċi jirrigwarda l-fatt li fl-inventarju u fix-xhieda tiegħu fil-kawża "Philip Vella ne. vs. Manwel Vella", il-konvenut Philip Vella ma semmiex li parti mill-fond nru. 36 Trieq Santa Maria, Xewkija, kienet dotali. L-inavvertenza ta' din l-ommissjoni fl-inventarju, li ġie preparat mill-Avukat Dottor Francesco Masini fuq inkariku u nformazzjonijiet tal-konvenut Philip Vella, hija manifesta. L-istess attriċi ma tagħmelx enfasi fuq din l-ommissjoni, li tikkonċedi — u din hija l-unika konċessjoni tagħha — li ma saretx in mala fede. Kwantu għall-fatt li l-konvenut Philip Vella, fix-xhieda tiegħu predetta, naqas milli jirrileva li parti mill-fond "de quo" kienet dotali tal-attriċi, għandu jiġi preċiżat li l-kwistjoni li kienet qegħdha tiġi dibattuta fl-imsemmija kawża meta xehed il-konvenut, kienet jekk il-fond kienx parafernali, u mhux kienx dotali oppure le (ara verbal tas-27 ta' Jannar 1959, reġistrat f'dik il-kawża, u s-sentenza li ngħatat fl-istess kawża in prima istanza). Dan jispjega kjarament għaliex il-konvenut Vella ma ħassx in-neċessità li jiddistingwi bejn dak li kien dotali u dak li ma kienx, u kkonċeda, inveċe, sija pure taħt impressjoni ħażina li kamra minn dak il-post kienet parafernali tal-attriċi; liema konċessjoni, kjarament favorevoli għat-teżi avversarja, turi l-perfetta bwona fede tiegħu. Il-kwistjoni dwar jekk il-fond kienx dotali jew le qamet biss fit-tieni istanza, u allura mal-ewwel dehra, u dejjem "agevolando" it-teżi allura sostnuta mill-avversarja tiegħu, il-konvenut Vella kkonvjena li, fil-maġġur parti tiegħu, dak il-fond kien dotali;

Għalhekk, lanqas in bażi għal dan l-aħħar riljev tal-attriċi, ma tidher ġustifikata t-talba tagħha;

Rat in-nota li biha l-attriċi appellat minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li tiġi revokata, u tiġi milqugħa t-talba tagħha; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati, inklużi dawk tar-rikors numru 24/1960;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Bir-rispett kollu għall-Ewwel Qorti, din il-Qorti hi ta' fehma illi t-talba tal-attriċi għandha tiġi milqugħa;

Għandu l-ewwelnett jiġi rilevat illi l-attriċi mhix qegħdha titlob jew tippretendi, f'din il-kawża, illi hija stess tiġi maħtura kuratriċi ta' żewġha. Hi qegħdha titlob biss li jiġi mneħħi minn kuratur il-konvenut, u f'loku jiġi maħtur "bniedem li mhux ostili għaliha, li jkollu l-kwalifiki neċessarji, u jekk jista' jkun persuna legali" (ara petizzjoni fol. 49). Taħt dan l-aspett, għandha raġun l-appellanti tissottometti illi l-kondotta morali tagħha, jew il-fama li għandha, anki kieku verament kienet dik li tingħad fis-sentenza appellata, hi rrilevanti, ħlief talvolta għall-effett li jista' jkollha fuq il-kredibbilità tagħha bħala xhud fl-apprezzament tal-provi. Dan apparti milli l-attriċi (mara ta' sittin sena) tiċħad l-addebitu li sarilha dwar il-kostumi tagħha; u l-appellat stess jiddeskriviha mhux bħala mara ħażina, iżda bħala "persuna inġenwa u sempliċi" (fol. 35);

Fil-fehma tal-Qorti, ma jistgħax ikun hemm dubju illi bejn il-konvenut u l-familja tiegħu u l-attriċi hemm inimiċizzja u attrit profond. Għar-raġuni li sejra tingħad forsi l-anqas hu rilevanti għal kollox li tiġi nvestigata l-oriġini u l-kawża ta' dan il-fatt. Biss, mix-xhieda ta' Salvatore Spiteri u Antonio Saliba f'din il-kawża jidher illi t-tilwim bejn il-kontendenti ilu jeżisti minn bosta snin, u l-inċidenti ta' vjolenza bejn mart u bint il-konvenut minn naħa waħda u l-attriċi mill-banda l-oħra, riferiti minnhom u mill-istess attriċi, jixħtu dawl fuq ir-relazzjonijiet ħżiena ta' bejniethom. Anki d-diportament tal-konvenut stess, meta bin l-attriċi ħareġ mill-Isptar tal-Mard tal-Moħħ fejn kien rikoverat, ma setgħax ma jkomplix jaggrava t-tensjoni u l-inimiċizzja ġa eżistenti;

Ċertament hu veru — u tgħidu l-liġi stess — illi, tant fil-ħatra kemm fir-ritenzjoni ta' kuratur ta' nterdett, il-konsiderazzjoni prinċipali hi dik tal-interess tal-istess interdett. Iżda dan ma jfisserx illi, konsistentement ma' dak l-interess, ma għandhomx, sakemm jista' jkun, jiġu mħarsin u rispettati anki l-interessi u s-sentimenti tal-mara u tal-familja tal-interdett. Speċjalment tal-mara, li l-beni tagħha wkoll, għal dik li hi amministrazzjoni, jaqgħu, minħabba r-reġim tal-komunjoni, fl-amministrazzjoni tal-kuratur tar-raġel. Il-Qorti jidhrilha li minn dan il-"punto di vista" t-tweġiba tal-attriċi, mistoqsija biex issemmi r-raġunijiet għaliex ma tridx lill-konvenut, li hija "ma għandiex pjaċir bih", għandha wkoll ikollha l-piż tagħha, jekk fl-isfond tal-kwadru kollu ma tidherx għal kollox kapriċċuża, u purkè ma tikkonfliġġix mal-interess tal-interdett;

Fil-fehma tal-Qorti, dan il-konflitt fil-każ preżenti ma hemmx. Jekk, salvagwardat l-interess tal-interdett, jista' għu fl-istess ħin jiġu konċiljati s-sentimenti tal-mara tiegħu u tal-familja, b'mod li tiġi assigurata armonija aħjar u ko-operazzjoni bejn dawn u l-kuratur, dan għandu jsir. Speċjalment f'każ bħall-preżenti, meta l-interdett ġa ilu bosta snin rikoverat fl-isptar mentali, u ma jidherx li hemm wisq speranza ta' fejqan u ħruġ, u l-beni tiegħu u tal-komunjoni qegħdin jiġu amministrati aktarx għav-vantaġġ, in definittiva, tal-attriċi u wliedha milli tal-interdett innifsu;

Issa, il-permanenza tal-konvenut bħala kuratur, apparti milli ma tirrispondix għall-imsemmija eżiġenzi talvolta "di subordine", lanqas ma tidher li b'xi mod tissoddisfa l-eżiġenza primarja tal-interess tal-interdett. Il-konvenut għandu f'idejh mhux il-kura u kustodja tal-persuna ta' ħuh, iżda l-amministrazzjoni tal-patrimonju tiegħu. Għal "din" hu ma għandu ebda kompetenza speċjali; anzi l-kuntrarju. Fin-noti preżentati mill-avukat tiegħu stess hu deskritt bħala ta' grad ta' koltura skars (fol. 34); u dan intqal biex jiġu spjegati nkonsistenzi f'diversi depożizzjonijiet tiegħu u ommissjonijiet oħrajn. Il-konvenut hu għal kollox illetterat u analfabeta, b'mod li mhux kapaċi jikteb irċevuta jew iżomm notament ta' dak li jirċievi jew jonfoq fl-amministrazzjoni, hekk illi għal kull ħaġa anki żgħira, ikollu jirrikorri lejn Dr. Masini. Saħansitra anki l-flus li jdaħħal

mill-amministrazzjoni jiddepożitahom għand Dr. Masini (anqas il-Bank biex jiffruttifikaw). B'dan il-mod qed jiġu ovvjament inkabbrin l-ispejjeż, bla ma jiġu miksuba ebda vantaġġi. Għalhekk, la l-interess tal-interdett, u lanqas tal-familja tiegħu, ma hu qed jiġi servut; anzi qiegħed jiġi preġudikat bl-intromissjoni tal-konvenut, kuratur nominali, bejn l-interdett u l-beni tiegħu, u Dr. Masini, li fil-fatt hu l-amministratur reali;

Din biss, fil-fehma tal-Qorti, anki mingħajr raġunijiet oħra, hi kawża ġusta suffiċjenti għar-rimozzjoni definittiva tal-konvenut;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba tal-attriċi, billi tordna r-rimozzjoni definittiva tal-konvenut mill-kariga ta' kuratur ta' Carmelo Vella; salvo li l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja f'Għawdex fid-diskrezzjoni tagħha, taħtar kuratur ġdid tal-interdett, idoneu u ben vist għall-attriċi. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, minħabba ċ-ċirkustanzi, jibqgħu bla taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsuh l-appellanti.